SAN GILJAN
0
# KUMITAT AMMINISTRATTIV
**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 06/KA1/10

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 06/12/'10 6**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 06/12/'10 7**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 6 ta' Dicembru 2010.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-6.00 p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Chairperson Richard Scicluna
Il-Viċi-Chairperson Joe De' Conti Manduca
Membru Joseph Oliva

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar.

1.04 Skuzat: Il-Membru Karl Consiglio

1.05 Assenti: Il-Membru Carmel Aguis

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fl-1 ta' Diċembru 2010. l-Aġenda kienet hekk:

Approvazzjoni ta' Minuti
Korrispondenza
Rapport tax-Xogħolijiet
Konfini ta' Paceville
Komunikazzjoni miċ-Chairman
Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 05/KA1/10 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Viċi-Chairman ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Membru Joseph Oliva ssekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 5858 | Email mingħand id-dipartiment tal-propjeta tal-Gvern rigward permess ta' l-imwejjed u s-siġġijiet fi Triq Spinola. |
| 6151 | Email mingħand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward indirizzi elettroniċi għall-membri tal-Kumitat Amministrattiv. |
| 6235 &6303 | Emails mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward Cirkulari 81/2010 - Notice Boards |
| 6309 | Ittra mingħand it-Transport Malta rigward il-lista ta' l-Alighting/Boarding Bay u Un/Loading Bay ġo San Ġiljan. |
| 6312 | Ittra mingħand it-Transport Malta rigward il-manutenzjoni tat-toroq. |
| 6478 | Ittra mingħand Buttigieg, Refalo & Zammit Pace Advocates għan-nom tas-Sur Philip Attard, sabiex jintrama stand nhar il-11, 12, 18, 24 u 31 ta' Diċembru 2010, ħdejn l-Sky Club, Paceville. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 5858

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand id-Divizjoni tal-Propjeta tal-Gvern rigward permess ta' l-imwejjed u s-siġġijiet fi Triq Spinola. Ġie deċiż unanimament illi tintbagħat risposta għad-deċiżjoni li laħaq il-Kunsill fil-minuti 38/K4/04 datata 18/11/04 (Ara Appendiċi 'A'). Din tapplika għal kull applikazzjoni oħra simili li jista jirċievi l-Kumitat Amministrativ.

Rif. Nru. 6235 & 6303

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward Ċirkulari 81/2010 dwar twaħħil ta' Notice Boards mill-MEPA. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni li jitwaħħlu dawn in-notice boards dment li ma jkunux ta' nkonvenjent jew ta' periklu għar-residenti u li l-Kumitat Amministrattiv jiġi kkonsultat fejn ser jitwaħħlu dawn in-notice boards.

Rif. Nru. 6478

2.04 Saret riferenza għall-ittri mingħand Buttigieg, Refalo & Zammit Pace Advocates għan-nom tas-Sur Philip Attard, sabiex jintrama stand nhar il-11, 12, 18, 24 u 31 ta' Diċembru, ħdejn l-Sky Club, Paceville. Ġie deċiż unanimament illi dan il-permess m'ghandhux jinħareġ minhabba li:-

- it-talba li saret għall-ħr ug ta' permess għal armar regolari ma ħiex meqjusa li taqa' taħt id-deskrizzjoni tal-parametri ta' 'speċjali' jew 'speċifika' stabbiliti fil-ligi.
- L-intenzjoni tal-legislatur hija għal okkazjonijiet bħal festi fil-lokalitajiet, jew xi avvenimenti jew 'events' one off li jiġġeneraw il-ħtieġa ta' armar ta' dan it-tip.

2.05 Ġie deċiż unanimament li r-risposta tintbagħat permezz tal-avukat tal-Kunsill.

**3 Rapport tax-Xogħolijiet**

3.01 Saret riferenza għar-Rapport ta' Xogħolijiet fuq l-andament tal-Kumitatt Amministrattiv matul is-sena li għaddiet 2010 mill-1 ta' Lulju kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2011 (Ara Appendiċi 'B').

3.02 Il-Viċi Chairman ippropona l-approvazzjoni tar-rapport tax-xogħolijiet.

3.03 Il-Membru Joseph Oliva ssekondah.

3.04 Il-Kumitatt qabel unanimament.

3.05 Saret referenza għall-attendenza tal-laqgħat tal-Membri Karl Consiligio u Carmel Agius. Dan minħabba li naqsu li jattendu aktar minn terz tal-laqgħat imsejħa fi żmien sitt xhur. Għalhekk ġie deċiż unanimament li jiġi notifikat il-Ministru kkonċernat u jiġi rrakkomandat li għalkemm naqsu milli jattendu l-laqgħat u minħabba raġunijiet validi dawn il-Membri jibqgħu jżommu l-post tagħhom.

## 4 Konfini ta' Paceville

4.01 Il-Kumitat rega' għamel riferenza għall-korrispondenza inc.3841/10 dwar proposti għall-bdil tal-konfini tal-Kumitat Amministrattiv. Ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa nformali bejn il-Membri tal-Kumitat fuq dan is-suġġett u li l-Amministrazzjoni tigi nfurmata bid-deċiżjoni li tkun ittieħdet sabiex jiġi nfurmat id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 5 Kommunikazzjoni miċ-Chairman

5.01 Il-Membri tal-Kumitat ġew in-notifikati illi:-

- l-proċess tat-tender tal-iskart li kien inħareġ flimkien mal-Kunsill Lokali Sliema waqaf u għalhekk reġgħet inħarġet sejħa għall-offerti għal ġbir ta' l-iskart domestiku. Dan it-tender jagħlaq nhar it-Tlieta 11 ta' Jannar fl-10.00a.m.

- It-tender tal-manutenzjoni tat-toroq ingħata lill-LK Ltd.

5.02 Ġie deċiż unanimament illi:-

- Il-laqgħa annwali tal-Kumitat Amministrattiv Paceville ssir it-Tnejn 10 ta' Jannar 2010 fil-5.30 p.m.

- Il-laqgħa ta' Jannar ser issir nhar it-Tnejn 24 ta' Jannar 2010 fis-6.00 p.m.

## 6 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi 'C').

6.02 Il-Viċi Chairman issekondah.

6.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

6.04 Is-Sindku ġie skużat mil-laqgħa fis-7.15 p.m.

## 7 Approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets

7.01 Iċ-Chairman ressaq u ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 44 sa 45 (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Viċi Chairman issekondah.

7.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

7.04 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fis-7.20 p.m.

**Richard Scicluna**
**Chairperson**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**